



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 23 ta' Novembru 2012 (27.11)
(OR. en)**

16489/12

LIMITE

FISC 174

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali
lil:	Coreper/Kunsill
Suġġett:	Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) - Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Fil-laqgħa tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) tat-8 ta' Novembru 2012 id-delegazzjonijiet qablu dwar ir-rapport tal-Grupp lill-Kunsill kif jinsab fid-dok. 16488/12 FISC 173.
2. L-abbozz ta' konklużjonijiet li ġej tal-Kunsill intbagħat sussegwentement mill-President tal-Grupp u maqbul mill-Istati Membri kollha:

"Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jilqa' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi matul il-Presidenza Ċiprijotta kif imniżżel fir-rapport tiegħu (dok. 16488/12 FISC 173);
- jitlob lill-Grupp biex ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u l-implimentazzjoni tat-treġġiġh lura (rollback) kif ukoll il-ħidma tiegħu taħt il-Pakkett ta' Ħidma tal-2011;

- jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli d-diskussjonijiet mal-Isvizzera kif jinsab fir-Rapport tal-Grupp u biex iżżomm lill-Grupp regolarment infurmat dwar il-progress;
- jistieden lill-Grupp biex sa tmiem il-Presidenza Irlandiża jipprovdi lill-Kunsill rapport dwar il-ħidma tiegħu."

3. Spanja talbet li ddaħħal id-dikjarazzjoni fl-Anness fil-Minuti tal-Kunsill li fihom ser jiġu formalment adottati l-Konklużjonijiet ta' hawn fuq.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jibgħat lill-Kunsill ir-rapport (dok. 16488/12 FISC 173) flimkien mal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill u d-dikjarazzjoni fl-Anness;
- jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dan l-abbozz ta' konklużjonijiet bħala punt "A" fl-aġenda tiegħu u li d-dikjarazzjoni tiddaħħal fil-Minuti tal-Kunsill;

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA

Ir-Renju ta' Spanja japprova bis-sħiħ il-konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN, ir-riżultat tar-reviżjoni mill-Grupp tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) u l-valutazzjoni magħmula mill-Kummissjoni dwar in-natura ta' ħsara tar-reġim ta' Ġibiltà "L-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul 2010".

Madankollu, Spanja tixtieq tenfassizza li, kif rifless fir-rapport imħejji mill-Grupp, l-eżitu tar-reviżjoni u l-valutazzjoni mwettqa huma bbażati fuq l-analiżi ta' tip ta' dħul speċifiku ħafna: l-interessi, mingħajr ma ġew evalwati elementi oħra potenzjalment ta' ħsara tar-reġim. Għalhekk, ir-Renju ta' Spanja jirriżerva d-dritt tiegħu li jitlob li fil-futur ikompli bl-analiżi u l-valutazzjoni ta' elementi mhux analizzati fil-preżent.
